MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tas-27 ta' April, 2006

Citazzjoni Numru. 15/2005

Kawza fil-lista: 66

**A B**
**vs**
**L-Avukat Dottor Mark Busuttil u l-Prokuratur Legali Mario Mifsud Bonnici nominati kuraturi deputati b' digriet tas-7 ta' Frar 2005 biex jirrapprezentaw lill-assenti CD**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-attrici ppremettiet u talbet hekk:

Peress illi l-kontendenti zzewwgu fid-9 ta' Gunju 2000 kif jirrizulta mill-anness certifikat taz-zwieg (DokA).

Peress illi l-kunsens tal-partijiet kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja matrimonjali jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha kif kontemplat fl-artikolu 19(1)(d) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta.

Peress illi l-kunsens tal-partijiet inkiseb bl-eskluzjoni posittiva taz-zwieg innifsu jew ta' xi wiehed jew iktar ta' l-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga kif kontemplat fl-artikolu 19(1)(f) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta.

Peress illi l-konvenut kien milqut b'anomalija psikologika serja li ghamlitha mpossibli ghalih li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg kif kontemplat fl-artikolu 19(1)(f) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta.

Peress illi l-konvenut, ghalkemm mhux interdett jew marid b'mohhu, ma kellux fiz-zmien li sar iz-zwieg, ukoll minhabba raguni temporanja, setghat intelletwali jew ta' rieda bizzejjed biex jinholoq kunsens ghaz-zwieg kif kontemplat fl-artikolu 19(1)(h) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta.

Peress illi ghalhekk iz-zwieg kontrattat bejn il-kontendenti huwa null u bla effett ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi.

Jghid il-konvenut ghaliex m'ghandiex din l-Onorabbli Qorti:

1. Tiddikjara null u bla effett ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi z-zwieg kontrattat bejn il-kontendenti fid-9 ta' Gunju 2000.

Bl-ispejjez u l-konvenut ingunt in subizzjoni.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti nomine li biha eccepew illi huma mhumiex edotti mill-fatti tal-kaz u ghalhekk irrizervaw d-dritt li jipprezentaw nota ta' l-eccezzjonijiet fi stadju ulterjuri;

Rat id-dikjarazzjoni guramentati tal-partijiet u l-listi tax-xhieda;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat;

Illi permezz ta l-azzjoni odjerna l-attrici qeda titlob minn din il-Qorti dikjarazzjoni gudizzjarja fis-sens li z-zwieg taghha kuntrattat ma' l-assenti fid-9 ta' Gunju 2000 huwa null fil-ligi in bazi ghal dak li hemm kontemplat fil-paragrafi [d][f] u [h] ta' l-Artikolu 19[1] tal-Kap.255

Illi l-fatti nkontestati huma dawn. L-attrici kienet zzewwget lill-assenti Jamal D, persuna ta' nazzjonalita' Sirjana, wara li kienet ilha tafu xi tlett xhur. Hija tghid li dan ried jibqa' Malta u peress li kienet ser tiskadilu l-visa talabha biex tizzewwgu. Inizjalment hija rrifjutat izda "wara ftit pero', bejn ghaliex kelli 22 sena, bejn il-perswazzjoni ta' habibti u bejn il-fatt illi dan ir-ragel ma kienx jidher xi wiehed imhawwad izda kien jidher ragel kwiet u ta' l-affari tieghu, iddecidejt li naccetta." [fol.29]. Hija kemm fl-affidavit tieghu, kif ukoll fid-deposizzjoni taghha quddiem din il-Qorti, qalet li wara z-zwieg dawn qatt ma kienux ghexu flimkien u wara gimghatejn ma ratux aktar. Izda hafna zmien wara huwa kien rega' tfacca u talabha sabiex tiffirmalu xi karti in konnessjoni ma' xi kartra ta' l-identita' u hi rrifjutat. Minn dak iz-zmien ma ratux aktar.

In tema legali jinghad li kif osservat din il-Qorti fil-kawza *PA Brigitte Veneziano Broccia vs Avk.Dr.Joseph Sammut noe deciza 9.12.2002*, is-simulazzjoni tiehu l-forma ta' dak li fid-duttrina civili hu deskritt bhala *colorem habens substantiam vero nullam* li b' konsegwenza jirrendi l-kuntratt bhala interament fittizju. Jkun hemm simulazzjoni f' kuntratt taz-zwieg meta fil-mument ta' l-ghoti tal-kunsens matrimonjali, parti jew it-tnejn, <u>esternament turi</u> li qed taghti l-kunsens matrimonjali, izda internament u b' <u>att pozittiv tal-volonta'</u> taghha tkun qed tichad il-kunsens ghal dak iz-zwieg [simulazzjoni totali] jew tkun qed teskludi xi element jew proprjeta' essenzjali ghaz-zwieg [simulazzjoni parzjali] *[PA B vs Borg Grech – 14.08.1995; Alfred Tonna vs Maria Tonna – 31.01.1996]*

Mill-kwadru premess jirrizulta car li z-zwieg in disamina huwa null minhabba vizzju tal-kunsens matrimonjali da parti ta’ l-assenti li, ghalkemm esternament ghadda minn cerimonja ta’ zwieg, internament u b’ att posittiv tal-volonta’ tieghu huwa eskluda mhux biss obbligi essenzjali taz-zwieg bhal ma huma dak tal-konvivenza u attivita’ intimat diretta ghall-prokreazzjoni ta’ l-ulied, izda eskluda z-zwieg fih innifsu. Mill-provi akkwiziti jirrizulta car li huwa zzewweg unikament biex ikun jista’ joqghod f’ Malta, b’ eskluzzjoni posittiva mhux espressa ta’ l-obbligi matrimonjali.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hi tal-fehma li z-zwieg bejn il-partijiet huwa null fit-termini tal-paragrafu [f] tal-Artikolu 19[1] tal-imsemmi Kap. u dan ghar-raguni imputabbli unikament lill-assenti.

Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi tilqa’ t-talba attrici u tiddikjara null u bla effetti fil-ligi z-zwieg kkuntrattat bejn il-partijiet fid-9 ta’ Gunju 2000. L-ispejjez ikun a kariku ta’ l-assenti, izda dawk relatati mal-Kuraturi Deputati ghandhom provvizorjament jithallsu mill-attrici.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------